PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

20.3.2014

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta’ oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta’ Stat Membru (Riformulazzjoni) (COM(2013)0311 - C7-0147/2013 - 2013/0162 (COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marie-Christine Vergiat

Nota informattiva dwar il-proċedura ta' adozzjoni tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (Riformulazzjoni)

(COM(2013)0311 - C7-0147/2013 - 2013/0162 (COD))

Il-proposta tal-Kummissjoni

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru ġiet adottata fl-1993, meta tneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni, bil-għan li jkunu protetti l-oġġetti kulturali li huma klassifikati bħala "teżori nazzjonali" mill-Istati Membri. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tirrikonċilja l-prinċipji fundamentali tal-moviment ħieles tal-merkanzija mal-ħtieġa ta' protezzjoni effikaċi tat-teżori nazzjonali.

L-eżerċizzji ta' evalwazzjoni tad-direttiva enfasizzaw l-effikaċja limitata ta' dan l-istrument. Il-problemi prinċipali li ġew identifikati kienu l-kriterji għad-determinazzjoni ta' oġġett kulturali skont l-anness tad-direttiva, l-iskadenzi stipulati għall-azzjonijiet għar-ritorn u l-ispiża tal-proċeduri.

B'kunsiderazzjoni tal-ammont ta' traffikar ta' oġġetti kulturali, fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ikkonkluda li kien urġenti li tissaħħaħ il-ġlieda kontra dan il-fenomenu u rrakkomanda lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa f'dan ir-rigward.

Il-Kummissjoni pproċediet billi introduċiet numru ta' emendi sostantivi tad-Direttiva 93/7/KEE abbażi tat-teknika ta' "riformulazzjoni".

L-emendi li saru fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/7/KE huma prinċipalment dawn li ġejjin:

- l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-oġġetti kulturali klassifikati bħala "patrimonju nazzjonali" skont l-Artikolu 36 tat-Trattat u, konsegwentement, it-tħassir tal-anness;

- ir-rikors għas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet ċentrali;

- l-estensjoni tal-iskadenzi għall-verifika tan-natura tal-oġġett kulturali misjub fi Stat Membru ieħor u l-eżerċizzju ta' azzjoni ta' ritorn,

- l-introduzzjoni tal-obbligu ta' minn jakkwista oġġett kulturali li jagħti prova li hu eżerċita d-"diliġenza dovuta", u kriterji komuni rigward l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett ta' diliġenza dovuta.

L-istadji tal-proċedura

a) Id-definizzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni adotta rapport imħejji taħt il-

patroċinju ta' Marie-Christine VERGIAT.

Il-Kunsill, min-naħa tiegħu, f'Novembru 2013 laħaq qbil dwar orjentament bażiku rigward il-proposta dwar ir-ritorn tal-oġġetti kulturali.

Minkejja l-livell għoli ta' konverġenza bejn il-pożizzjoni tal-PE u dik tal-Kunsill dwar il-parti l-kbira tal-elementi essenzjali tar-riformulazzjoni, speċjalment it-tħassir tal-anness, ir-rikors għall-IMI, l-estensjoni tal-iskadenzi u l-kwistjoni tal-għoti ta' provi fir-rigward tal-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, kienu meħtieġa żewġ trilogi twal biex jintlaħaq ftehim bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

b) Trilogi

Matul dawn it-trilogi, li saru fid-29 ta' Jannar u t-18 ta' Frar 2014, ġew diskussi prinċipalment il-punti li ġejjin:

- Iż-żieda ta' artikolu ġdid qabel l-Artikolu 1, b'mod li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-objettiv tad-direttiva, minflok jibda b'serje ta' definizzjonijiet. Din il-proposta tar-rapporteur, għalkemm oriġinat mill-qafas ta' riformulazzjoni, ġiet aċċettata mill-Kunsill;

- Iż-żieda ta' preċiżjoni rigward l-IMI, sabiex ikun jidher b'mod ċar li din għandha tkun adatta biex tqis in-natura speċifika tal-oġġett kulturali;

- Ir-referenza ta' dispożizzjonijiet kumplimentari dwar il-protezzjoni tad-data personali;

- L-estensjoni fakultattiva tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għal oġġetti kulturali oħra apparti dawk definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva: il-Kunsill jixtieq jittrasferixxi din id-dispożizzjoni mill-parti diżpożittiva tad-direttiva għal mal-premessi. Il-PE oppona u asserixxa l-pożizzjoni tiegħu.

- Ir-referenza għall-ħolqien ta' grupp ta' esperti inkarigat li jsegwi l-implimentazzjoni tad-direttiva: il-Kunsill jixtieq idaħħal din id-dispożizzjoni fi premessa, il-PE f'artikolu. Għalkemm il-Kummissjoni opponiet, iż-żewġ istituzzjonijiet ftehmu biex ir-referenza tinżamm fi premessa.

- Ir-referenza speċifika ta' skavi illegali;

- It-talba indirizzata lill-Istati Membri biex jiddefinixxu b'mod ċar l-ambitu tal-kunċett ta' oġġett kulturali u jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni rigward l-oġġetti kulturali. Dawn iż-żidiet, mitluba mill-PE, jimmiraw li jiggarantixxu ċ-ċertezza tad-dritt. Peress li f'każ li jkun jixtieq jakkwista kumpens, min jakkwista l-oġġett kulturali irid juri li wettaq id-diliġenza dovuta biex jitlob dan il-kumpens, ir-rapporteur jixtieq li wieħed jara li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet li jippermettu l-eżerċizzju ta' din id-diliġenza. Din it-talba kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet twal, għax il-Kunsill iqis li l-Istati Membri kollha diġà jiddisponu minn leġiżlazzjoni suffiċjenti dwar dan. Id-definizzjoni ta' "oġġetti kulturali" u l-aċċess għall-informazzjoni finalment ġew inklużi f'żewġ premessi f'testi ta' kompromess.

- L-istedina indirizzata lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għall-projbizzjoni u l-prevenzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment tal-proprjetà illegali tal-oġġetti kulturali u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995 dwar l-oġġetti kulturali misruqa jew esportati illegalment: fuq talba tar-rapporteur, din ir-referenza speċifika ġiet introdotta fi premessa, li tirreferi għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2011.

- Issemma l-fatt li r-ritorn tal-oġġetti kulturali mhux inkorporat biss fil-kuntest tas-suq intern, iżda jissemma wkoll fil-kuntest tal-preservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea, fl-Artikolu 167 TFUE. Il-Kunsill oppona li l-Artikolu 167 jissemma b'mod espliċitu u instabet formolazzjoni ta' kompromess fi premessa.

Rendikont dettaljat taż-żewġ trilogi intbagħat lit-tim tannegozjar, magħmul mir-rapporteur, ix-shadow rapporteurs u l-president tal-Kummissjoni. Dawn ir-rendikonti jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarjat.

c) Konklużjoni tal-proċedura

Fi tmiem iż-żewġ trilogi, fis-27 ta' Frar 2014, il-Coreper bagħat lil Doris PACK, il-President tal-Kumitat CULT, ittra li fiha jindika li jaċċetta t-test ta' kompromess li ġie negozjat bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, riprodott fanness tal--ittra. Permezz ta' din l-ittra, il-Coreper jikkonferma, barra minn hekk, li jekk il-Parlament Ewropew jadotta, fl-ewwel qari, it-test li jinsab fl-anness tal-ittra, huwa stess se jikkonferma, skont l-Artikolu 294 (4) tat-Trattat, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-Artikolu 70 tar-Regolament, attwalment hija r-responsabbiltà tal-Kumitat CULT li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar dan it-test ta' kompromess li jirriżulta min-negozjati li saru mal-Kunsill permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.

Jekk jiġi adottat, it-test ta' kompromess jintbagħat lill-plenarja, li se jkun sottomess għaliha wkoll waqt it-tieni sessjoni f'April, fil-forma ta' emenda kkonsolidata li jinkludi t-test negozjat b'mod sħiħ.

Jekk il-plenarja tadotta din l-emenda, il-proċedura se titkompla fil-forma ppjanata fl-ittra ta' Coreper u se tiġi konkluża bi ftehim fl-ewwel qari.

Ir-Rakkomandazzjoni tar-Rapporteur

B'mod ġenerali, wieħed jista' jgħid li dan id-dossier huwa ta' tip essenzjalment "tekniku", u li ma deher ebda punt ta' nuqqas ta' ftehim ewlieni fi ħdan it-tim ta' negozjar tal-PE waqt id-diskussjonijiet mal-Kunsill. Peress li waqt in-negozjati, it-tħassib ewlieni espress mill-PE wassal għal kompromess aċċettabbli, ma jidhirx meħtieġ jew mixtieq li jkun hemm it-tieni qari.

Ir-rapporteur, għalhekk, jirrakkomanda lill-Kumitat parlamentari japprova t-test u jippreżentah fil-plenarja għall-finijiet tal-konklużjoni tad-dossier fl-ewwel qari.